MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tal-21 ta' Frar, 2006

Talba Numru. 150/2004

**Maltacom p.l.c. C22334**

**Vs**

**Raymond u Mariella konjugi Sant**
**ID 577163M u 137068M**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li bih is-socjeta' attrici qed titlob li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu s-somma ta' seba' mija u hamsa u sebghin lira Maltin u sitta u sittin centezmu (Lm775.66c) rapprezentanti bilanc dovut in konnessjoni ma' servizz telefoniku bin-numru 21804503.

Ra r-Risposta tal-konvenuti li biha wiegbu illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li t-telefonati ndikati

fid-dokumenti annessi mat-talba attrici bhala dokument A u dokument B ma rrizultax li saru mill-konvenuti.

Sema' x-xhieda tal-PL Noel Scerri, ta' Dr Ingrid Zammit Young u tal-konvenut.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' t-trattazzjoni ta' Dr Michael Tanti Dougall ghall-konvenuti u r-replika tal-PL Noel Scerri.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-kont mertu tal-kawza jirrapprezenta talba tas-socjeta' attrici li l-konvenut ihallas ghall-kontijiet pendenti li jkopru l-perjodu mill-24 t'April, 1997 sat-18 ta' Lulju, 1999. Matul dan iz-zmien ta' ftit aktar minn sentejn, il-konvenut kien ghamel pagament ftit granet qabel l-24 t'April, 1997 u ghalhekk ma jidhlux fil-mertu tant illi tali pagament jirrizulta mid-dokumenti bhala li gie mnaqqas. Saru zewg pagamenti, wiehed ta' mija u wiehed u ghoxrin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm121.25c) u l-iehor ta' mija u ghoxrin lira Maltin (Lm120) li jirrizultaw mid-dokumenti esebiti mis-socjeta' attrici u fil-fatt, skond id-dokumenti esebiti l-bilanc li huwa proprjament dovut huwa ta' seba' mija w erbgha u sittin lira Maltin u sittax-il centezmu (Lm764.16c) skond kif jidher mid-dokument NS12 a fol 48 tal-process.

Il-konvenut qieghed isostni illi m'huwiex responsabbli ghall-kont kollu mitlub stante li jikkontendi li fil-parti l-kbira taz-zmien in kwistjoni huwa ma kienx jirrisjedi fil-post in kwistjoni u ghalhekk ma setax kien hu li ghamel it-telefonati. Jirrizulta illi f'Novembru 1998 il-konvenut ghamel ilment mas-socjeta' attrici u huma ghamlu ezami fiziku tal-wires li jaghtu ghas-servizz telefoniku u ma sabu xejn hazin.

Hawn ta' min jinnota illi ghalkemm fil-perjodu ta' qabel ir-readings, cjoe' l-pulses kienu jaqraw 816, 876, 980, 754, 832, 645, 554, 350 u 440 fil-kontijiet rispettivi sat-12 ta'

Novembru, 1998, minn Jannar 1999 ‘il quddiem il-pulses kienu 385, 263, 245 u 297.

It-Tribunal huwa propens li jaccetta bhala possibbli l-allegazzjoni tal-konvenuti li, ghalkemm okkupaw il-fond in kwistjoni ghal xi zmienijiet, parti mit-telefonati li saru minn tali fond ma sarux minnhom. Minn ezami ta’ l-*itemised bill* li gie esebit mill-konvenut jirrizulta li hemm numri ripetuti (218 51618880 u 993219) li l-konvenut isostni li m’ghamilhomx hu.

Mill-banda l-ohra, t-Tribunal ma jistax jinjora l-fatt illi l-korporazzjoni attrici attwalment ipprovdiet is-servizz u kien il-konvenut li kien teknikament responsabbli ghas-servizz telefoniku in kwistjoni.

Kollox ma’ kollox, it-Tribunal ihoss li fil-kaz odjern, it-Tribunal ghandu juza sens ta’ ekwita’ fis-sens illi ghalkemm il-provi m’humiex cari hafna f’dan ir-rigward, parti mill-kont in kwistjoni ma jirrizultax li jirrifletti telefonati li saru mill-konvenuti u f’dan ir-rigward ghalhekk it-Tribunal qieghed jaghmel kalkolu bhallikieku illi l-kontijiet ta’ qabel Jannar 1999 kellu reading ta’ approssimattiv ta’ cirka erba’ mija u hamsin (450) pulse u dan ifisser illi ghall-perjodu minn April 1997 sa Lulju 1998 il-kont ghandu jigi ridott b’cirka hamsa u tletin fil-mija (35%) u cjoe’ tnaqqis ta’ mitejn u hamsin lira Maltin (Lm250).

B’danakollu, ghalkemm ihoss li fuq bazi ta’ ekwita’ ghandu jaghmel tali riduzzjoni m’ghandux ikun hemm rifless favur il-konvenuti fuq il-kap ta’ l-ispejjez.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ parzjalment it-talba tas-socjeta’ attrici u jikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ hames mija w erbatax-il lira Maltin u sittax-il centezmu (Lm514.16c) bl-interessi mid-data tan-notifika ta’ l-Avviz u bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------